**21 ta' Frar, 1996**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons), LL. D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius - B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Antoine Tagliaferro *et*

*versus*

Onor. Prim Ministru

## *Drittijiet* **Fondamentali tal-Bniedem - Konvenzjoni Ewropeja - Kostituzzjoni - Smigh Xieraq - Tribunal - Rimedju - Drittijiet u Obbligi Ċivili - Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji**

*Ir-rikorrenti, impjegati ta' bank, kienu ġabu l-ilment tagħhom quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji. Wara li l-Kummissjoni kienet sabet li kienet saret inġustizzja magħhom, il-Prim Ministru kien impedixxa li dak ir-rapport jiġi implimentat. Ir-rikorrenti lmentaw li kienu qegħdin jiġu miksura fil-konfront tagħhom id-dritt għal smigh minn Tribunal indipendenti u imparzjali kif ukoll id-dritt għar-rimedju. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti billi sabet li l-Kummissjoni ma kinitx Tribunal fis-sens volut mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji ma tiddeterminax l-ebda dritt jew obbligu fil-konfront taċ-ċittadin iżda tinvestiga biss jekk id-deċiżjoni amministrattiva, indipendentement minn dan id-dritt jew obbligu, jekk jeżisti, kinitx influwenzata minn xi preġudizzju li jkun allura mmotivata d-deċiżjoni tagħha b'mod li tiġi kkreata diskriminazzjoni jew esklużjoni li twassal għall-inġustizzja. Ir-rimedju li tagħti l-liġi hu li l-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjoni li tiġi rettifikata inġustizzja riskontrata u mhux li jiġi reintegrat xi dritt ivvjolat. Il-Prim Ministru għandu diskrezzjoni insindakabbli sakemm eżerċitata entro l-parametri tal-liġi, li jilqa' dik ir-rakkomandazzjoni jew jirrifjutaha.*

*Għalhekk il-Kummissjoni mhix organu ġudizzjarju li jiddetermina drittijiet u obbligi, u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tikkreax drittijiet fil-persuna li tkun ġabet l-ilment tagħha quddiemha. Konsegwentement ir-rekwiżiti Kostituzzjonali u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar smigħ xieraq ma japplikawx għall-proċeduri quddiemha u għad-deċiżjoni tagħha.*

Il-Qorti:-

L-appellanti huma jew kienu uffiċjali tal-Bank of Valletta li għamlu lment quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji mwaqqfa bl-Att Nru. XV ta' l-1987 (Kapitolu 320) in konnessjoni mal-likwidazzjoni tal-*Pension Fund*. Huma jallegaw ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom protetti bl-artikoli 6 u 13 ta' l-Ewwel Skeda (Kap. 319) li jipprovdi biex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali jsiru u jkunu esegwibbli bħala parti tal-Liġi ta' Malta;

Ir-rikorrenti hekk talbu fir-"rikors Kostituzzjonali" tagħhom:

"Illi l-esponenti ressqu l-ilment tagħhom in konnessjoni mal-likwidazzjoni tal-*Pension Fund* tal-Bank of Valletta Limited quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji mwaqqfa bl-Att XV ta' l-1987 (Kapitolu 320);

Illi l-Kummissjoni laqgħet it-talba tagħhom u sabet li saret inġustizzja fil-konfront tagħhom u bagħtet rapport lill-Prim Ministru a tenur ta' l-artikolu 10 ta' l-istess Att, f'liema rapport għamlet rakkomandazzjonijiet favorevoli għall-esponenti in konnessjoni ma' l-inġustizzja li ġiet sofferta;

Illi l-intimat Onorevoli Prim Ministru, avolja ilu li rċeva dan ir-rapport favorevoli għar-rikorrenti mill-5 ta' Awissu, 1993 baqa' ma aċċettahx u naqas li jagħtihom ir-rimedji li l-imsemmija Kummissjoni dehrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi u rrokkomandat fir-rapport tagħha;

Illi permezz ta' ittra ddatata 11 ta' Jannar, 1995 ir-rikorrenti ġew infurmati li t-talba tagħhom biex il-konklużjonijiet tar-rapport tal-Kummissjoni jiġu implimentati ma ġietx aċċettata;

Illi dan ġab lir-rikorrenti fil-posizzjoni li, wara li inizjalment soffrew l-inġustizzja u wara - li l-Kummissjoni vverifikat u kkonfermat li tassew kienet saret inġustizzja magħhom, l-intimat, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu bħala Prim Ministru, qed jimpedixxi lir-rikorrenti milli jingħataw rimedju xieraq kif ipprovdut fil-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Umani;

Illi l-artikolu kkontenut fl-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319) jipprovdi illi:

"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu ... kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi ...";

Illi in kwantu l-artikolu 10 tal-Kap. 320 jipprovdi li r-rapport tal-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji għandu jkun fih "rakkomandazzjonijiet dwar ir-rimedji li l-Kummissjoni jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi" u in kwantu l-intimat Onorevoli Prim Ministru għandu diskrezzjoni li ma jaċċettax ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u b'hekk jista' jimpedixxi lir-

rikorrenti milli jingħataw rimedju xieraq kif ikkontemplat fil-liġi, il-każ tar-rikorrenti ma ġiex deċiż minn "tribunal indipendenti";

Illi kif ġie deċiż reċentement mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Umani, is-setgħa li tingħata deċiżjoni li torbot u li ma tistax tiġi mmodifikata jew respinta jew b'kull mod ieħor imħassra minn xi Awtorita' oħra mhux ġudizzjarja, bi preġudizzju għal xi parti, hija inerenti, kompriża u involuta fil-kunċett ta' "tribunal". Dan huwa kkonfermat bil-kelma "deċiżjoni" *(determination)*. Din is-setgħa hija waħda mill-komponenti tal-kunċett ta' "indipendenza" rikjest mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi għar-rikorrenti, id-drittijiet ċivili u l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' din il-kwistjoni għandhom jiġu determinati u deċiżi skond kif hemm indikat fir-rapport tal-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji. Huwa evidenti li kemm is-setgħa ta' l-intimat Onorevoli Prim Ministru li jibblokka l-konsegwenzi tar-rapport favorevoli tal-Kummissjoni kif ukoll id-deċiżjoni ta' l-istess intimat li jippriva lir-rikorrent mill-effetti ta' l-imsemmi rapport, jilledu d-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti;

Illi l-esponenti m'għandhom l-ebda *forma ta' rimedju għal* dan l-operat ta' l-intimat u dan ċertament jilledi d-dritt għal deċiżjoni minn tribunal indipendenti u imparzjali a tenur ta' l-imsemmi artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319;

Illi għalhekk, dan jikkostitwixi ukoll nuqqas ta' rimedju effettiv kif sanċit fl-artikolu 13 ta' l-Ewwel Skeda li jiggarantixxi:

"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kkontemplati f'din il-Kovenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv

quddiem awtorita' azzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali;

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħobha tagħmel dawk l-ordnijiet toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq ta' l-artikoli 6 u 13 ta' l-Ewwel Skeda (Kap. 319) fosthom billi tiddikjara li saret vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti, tordna li r-rapport tal-Kummissjoni għandu jiġi implimentat *in toto* minnufih u tistabbilixxi l-kumpens xieraq li għandu jitħallas mill-intimat lil kull wieħed mir-rikorrenti għall-imsemmija vjolazzjoni. Bl-ispejjeż";

Utili f'dan il-każ li tiġi rreġistrata r-risposta ta' l-intimat in kwantu fiha kontestazzjoni valida ta' dritt u ġurisprudenza applikabbli għall-każ:

"Illi preliminarjament l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji mhux intiż biex iwaqqaf xi tribunal bħalma qegħdin jallegaw ir-rikorrenti fir-rikors promotorju tagħhom. Li kieku t-teżi tar-rikorrenti kienet valida, kieku żgur li l-leġislatur ma kienx jgħid:

"7 (2) Kull investigazzjoni bħal dik għandha tkun fil-privat";

u dan eżatt wara li kien għadu kif għadda l-Att XIV ta' *l*-1987 (Kap. 319) li bih inkorpora l-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn jingħad ċar u tond li l-proċess ġudizzjarju għandu jkun *fil-pubbliku*;

Ma jidhirx possibbli li l-leġislatur nesa daqshekk malajr dak

li kien għadu kif ġie fis-seħħ xahar u ħdax-il jum qabel;

Oltre dan, jekk wieħed jaqra l-Kap. 320 bir-reqqa, jintebaħ kemm din il-Kummissjoni hija purament investigattiva. In fatti, l-kelma investigazzjoni nsibuha mhux anqas minn ħmistax-il darba (15) imxerrda ma' l-Att kollu. Dawn huma r-referenzi:

(i) L-ewwel artikolu; (ii) it-tieni artikolu; (iii) l-artikolu 3 (1); (iv) l-artikolu 4; (v) l-artikolu 6 (1) darbtejn; (vi) l-artikolu 6 (2); (vii) l-artikolu 7 (1); (viii) l-artikolu 7 (2) darbtejn; (ix) l-artikolu 7 (3); (x) l-artikolu 9 (2); (xi) l-artikolu 10 (1); (xii) l-artikolu 13 (tliet darbiet);

Minn dan jidher ċar li l-intenzjoni tal-leġislatur qatt ma kienet li toħloq xi Tribunal iżda biss Kummissjoni li tinvestiga l-inġustizzji. Saħansitra l-Kummissjoni għandha dritt li ma tużax il-poteri tagħha jekk jidhrilha li hemm mezz adegwat ta' rimedju għall-inġustizzja allegata (ara artikolu 6 (2) *proviso*);

Dan il-punt diġa` ġie deċiż minn din l-Onorabbli Qorti diversament ippresjeduta fil-każ **Eddie Cachia *versus* Joseph Galea Debono *et* u l-Onor. Prim Ministru** (21 ta' Mejju, 1993; Imħallef: Is-Sinjurija tiegħu Dr. Albert Magri) u stante n-natura ta' *deja vu* jidher li dan ir-rikors huwa għal kollox frivolu u vessatorju;

Il-Qorti kienet qalet dawn il-preċiżi kelmiet:

"Il-Kummissjoni ma tiddetermina ebda dritt jew obbligu fil-konfront taċ-ċittadin iżda tinvestiga biss jekk, indipendentement minn dan id-dritt jew obbligu, l-awtorita` kienet influwenzata minn xi preġudizzju u fil-każ li jirriżulta dak il-preġudizzju, tagħmel ir-

rakkomandazzjonijiet tagħha. Rakkomandazzjoni qatt ma tista' tiġi kkunsidrata *li għandha l-forza ta' sentenza ppronunzjata minn Qorti* kompetenti li tiddetermina eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. Rakkomandazzjoni għandha biss l-aspett ta' parir lill-Awtorita' superjuri sabiex inġustizzja li tkun ġarrbet persuna u li ma hemm ebda rimedju ieħor għaliha, tiġi b'mod irrimedjata. Ma jsegwix lanqas li dik ir-rakkomandazzjoni jew parir tiġi milqugħa favorevolment minn dik l-Awtorita', fil-każ in eżami, il-Prim Ministru";

(Qed issir referenza ukoll għall-każ; **Il-Pulizija kontra Narcy Calamatta** deċiża fis-26 ta' Ġunju, 1991, fejn il-Qorti esprimiet ruħha hekk:

"Il-Qorti diffiċilment tifhem kif wieħed jista' jara xi somiljanza bejn il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji u Tribunal li dwaru titkellem il-Konvenzjoni Ewropeja; kull ma tagħmel din il-Kummissjoni hu li tinvestiga każi fejn ikun hemm allegazzjoni li saret ma' xi ċittadin, inġustizzja mill-Korpi indikati fl-istess Att; ix-xogħol tagħha jsir fil-privat, waqt li l-artikolu 6 jistipula smigħ xieraq u imparzjali";

Ir-raġuni għal din is-sottomissjoni tidher lampanti fl-iskorta ta' *dak li ġie esport hawn fuq, multo magis* meta wieħed iqis dak *li* jipprovdi l-artikolu 9 dwar iż-żmien li fih jista' jsir ilment li jmur oltre kull forma ta' preskrizzjoni li tidher fil-liġi ġenerali (il-Kodiċi Ċivili - Kap. 16). Minn dan jidher li l-leġislatur ried jagħti ċans ukoll lil dawk li minħabba l-preskrizzjoni ma setgħux jintavolaw l-ilment tagħhom quddiem il-Qorti u għalhekk ħoloq Kummissjoni li tista' tinvestiga bla ma tkun Qorti;

Minn dan kollu jsegwi li l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 lanqas biss huwa applikabbli, aħseb u ara kemm inkiser. Mill-bqija l-Qrati għadhom miftuħin beraħ għal kwalunkwe lment li jixtiequ jressqu r-rikorrenti;

Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja japplika biss meta wieħed ma jsibx rimedju għal xi ksur ta' xi dritt li *jinsab imniżżel* fl-istess Konvenzjoni. Jekk l-artikolu 6 lanqas biss japplika u lanqas ġie miksur, isegwi li l-artikolu 13 ma nkisirx;

Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bħala għal kollox frivoli u vessatorji";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 1995, laqgħet l-eċċezzjoni;

"Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-intimat u tiddikjara li l-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji mhix Tribunal *ai termini* ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement id-drittijiet enunzjati bl-imsemmija artikoli u lanqas fl-artikolu 13 ma japplikawx għall-proċedimenti quddiem l-istess Kummissjoni. U konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom";

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza appellata:

"Mill-Att XV (illum Kap. 320 tal-Liġijiet ta' Malta, Vol. IX) li ħoloq il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji, jirriżulta li l-leġislatur ma kellux l-intenzjoni li joħloq Tribunal jew Qorti oħra iżda Kummissjoni li tinvestiga inġustizzji. Is-sottotitolu

ta' dana l-Att jibda b'dawn il-kliem: Biex jipprovdi għat-twaqqif u l-funzjonijiet ta' Kummissjoni waħda jew iktar għall-investigazzjoni ta' ċerti inġustizzji u għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' dan. U bħala setgħat tal-Kummissjoni hemm fl-artikolu 6 (1) is-setgħa li tinvestiga kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun ġarbet inġustizzja b'konsegwenza ... imbagħad hemm imsemmi x'tista' tinvestiga l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' ukoll ma taċċettax li twettaq is-setgħa tagħha (2) u li tagħmel investigazzjoni minn rajha (*proviso*). Il-proċeduri jsiru fil-privat;

Id-difiża ssottomettiet fit-trattazzjoni orali li għalkemm il-Kummissjoni għall-investigazzjoni mhix Tribunal, iżda hi għandha s-sembjanzi kollha ta' Tribunal li jagħmluha Tribunal;

Ir-rikorrenti jidħru li issa qed jaqblu li l-Kummissjoni msemmija mhix Tribunal, iżda qed isostnu li dina għandha s-sembjanzi kollha ta' Tribunal u d-deċiżjoni tagħha tinvolvi *determination of civil rights and obligations* minn *adjucating body*;

Meta l-leġislatur ħoloq il-Kummissjoni msemmija u ġie biex jipprovdi għat-twaqqif u funzjonijiet tagħha hu bilfors kellu jimxi fuq dawk il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u ta' *fairness* biex l-investigazzjonijiet isiru b'mod ġust, iżda b'daqshekk ma kienx qed joħloq Tribunal. L-intenzjoni ddikjarata tal-leġislatur kienet li jikkrea Kummissjoni li tinvestiga biss;

Il-kwalifiki ta' dawk li jiġu nnominati, il-mod kif jiġu nnominati u s-*security of tenure* ma jirrendux il-Kummissjoni Tribunal jew Qorti iżda huma intiżi biex ikun hemm indipendenza u imparzjalita' fil-korp li kien qed jiġi mwaqqaf;

Id-difiża ssottomettiet ukoll fit-trattazzjoni orali li d-deċiżjoni li tagħti l-Kummissjoni hi vinkolanti *erga omnes* mentri r-rimedji ssuġġeriti fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni mhumiex vinkolanti iżda huma pariri li jistgħu jiġu aċċettati mill-Prim Ministru jew le, fid-diskrezzjoni tiegħu;

Dwar il-punt issollevat mid-difiża li, l-Qorti ma taqbilx ma' dana r-raġunament;

L-artikolu 10 tal-Kap. 320 jipprovdi:

"Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Prim Ministru .... rapport tar-riżultat ta' l-investigazzjoni u fejn il-Kummissjoni ssib li nġustizzja tkun saret jew ġiet sofferta, ir-rapport għandu jkun fih rakkomandazzjonijiet dwar ir-rimedji li l-Kummissjoni jidhrilha xierqa fiċ-ċirksotanzi;

Dana l-artikolu jitkellem dwar "rapport tar-riżultat ta' l-investigazzjoni u kif iddeċidew is-sentenzi fuq ikkowtati rapport mhux deċiżjoni, imma hu biss ir-riżulat ta' l-investigazzjoni li jiġi sottomess lill-Awtorita` superjuri sabiex inġustizzja - indipendentement mid-dritt jew obbligu - tiġi rrimedjata. Ir-rapport mhux sentenza ppronunzjata minn Qorti kompetenti li tiddetermina l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. Hu biss fil-Qorti kompetenti li dawn id-drittijiet u obbligi jridu jiġu ddeterminati u r-rikorrenti mhumiex preklużi milli jagħmlu dan;

Il-Kummissjoni għalhekk ma kinitx skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni "a Tribunal characterised by the fact that it is a body with a judicial function namely determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings

conducted in a prescribed manner" (Belilos). Hi ma kellhiex "power to give a binding decision on the matter before it (Stramek: Benthem). A body which can merely tender advice will not therefore be a "Tribunal"" (Benthem; **X *vs* UK**; **De Jong, Baljet and Van Den Brink**). Fil-Kummissjoni l-proċeduri ma jsirux fil-pubbliku; m'hemmx kontestazzjoni bejn partijiet u l-partijiet ma jidhrux f'sistema avversarja;

Id-difiża tar-rikorrenti ssottomettiet li dawn is-sentenzi ta' Calamatta u ta' Cachia m'għandhomx japplikaw għax ġew superati bis-sentenza fuq riferita ta' Van de Hurk. Iżda l-Qorti wara li eżaminat dina s-sentenza ssib li fil-fatt dina s-sentenza ma tapplikax għall-każ in eżami billi f'dika s-sentenza l-Qorti Ewropeja kellha quddiemha Tribunal (*Industrial Appeals Tribunal regarding dairy farmer's reference quantity of milk*) li d-deċiżjoni tiegħu ġiet mibdula minn Ministru, mentri f'dana l-każ mhix kwistjoni ta' deċiżjoni ta' Tribunal iżda rapport ta' Kummissjoni;

Id-difiża ssottomettiet ukoll li s-sentenzi kkwotati mill-intimat ġew mogħtija mill-Prim'Istanza u għalkemm m'għandhomx jorbtu lil dina l-Qorti billi għadha m'ngħatatx l-aħħar kelma fuq dina l-kwistjoni. Dwar dina s-sottomissjoni, il-Qorti eżaminat dawn iż-żewġ sentenzi u ssib li taqbel mar-raġonament u mal-konklużjoni minnhom raġġunta u ċjoe` li l-Kummissjoni mhix Tribunal";

Issir qabel xejn preċiżazzjoni mill-President ta' din il-Qorti. Din il-kawża kienet inizjalment ġiet assenjata lilu meta kien sedenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Hu kien astjena milli jieħu konjizzjoni tagħha "billi kien, fiż-żmien rilevanti, u għadu illum, *Chairman* ta' Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji li l-operat u l-funzjonijiet tagħha qed jiġu ssindikati f'dan ir-rikors

Kostituzzjonali". Il-President ta' din il-Qorti m'għadux *Chairman* ta' dik il-Kummissjoni u l-meritu ta' dan ir-rikors ma jirrigwardax fatti li hu kien f'dik il-kariga a konjizzjoni tagħhom jew esprima xi opinjoni dwarhom. Infatti l-Kummissjoni li nvestigat il-każ *de quo* kienet ippresjeduta minn *Chairman* ieħor, l-Avukat Dr. Guido Saliba. Ma baqgħet allura l-ebda raġuni fil-liġi għaliex il-President ta' din il-Qorti għandu jastjeni mis-smigħ ta' dan ir-rikors. *Del resto* ma saret l-ebda talba għar-rikuża tiegħu;

Ir-rikors hu intitolat mir-rikorrent bħala "Rikors Kostituzzjonali". Dana mhux strettament korrett. Ir-rikorrenti mhumiex qed jinvokaw il-protezzjoni tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni għall-ħarsien tal-libertajiet fondamentali *imma biss* il-protezzjoni tal-provvedimenti tal-Konvenzjoni Ewropeja. Anke jekk il-materja ssollevata għandha riljev kostituzzjonali, hu mill-ottika tal-Konvenzjoni Ewropeja li din il-Qorti għandha tikkonsidra l-ilment quddiemha għax hekk ġiet mitluba tagħmel;

Il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tal-kontendenti u l-aggravji tar-rikorrenti għas-sentenza appellata u ssib illi l-ilment mhux sostnut fil-liġi u s-sentenza appellata hija ġusta. Ma tirriżulta l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatti tal-kawża u l-vertenza tirrisolvi ruħha f'waħda ta' indole legali. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq l-aggravji ta' l-appellanti;

Il-pern ta' l-appell hu li l-appellanti jsostnu, *verbatim*, li jrid jiġi stabbilit "jekk il-fatt li d-determinazzjoni ta' dritt ċivili **li saret** mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha tiġi subordinata **għad-diskrezzjoni** tal-Prim Ministru u taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 320 **tista ma tiġix aċċettata** mill-Esekuttiv (*kif fil-fatt ma ġietx* aċċettata), huwiex kompatibbli jew le ma' l-artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni (aggravju dan li ma jiffigurax fir-rikors promotorju li ġie introdott baxx baxx fil-petizzjoni) u ma' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja" (Is-sottolinear hu tal-Qorti). L-appellanti allura *jsostnu li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li għamlet ir-rakkomandazzjoni* lill-Onorevoli Prim Ministru kienet tinvolvi "a determination of a civil right of obligation" fit-termini ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan hu l-punt fondamentali li jrid jiġi deċiż għax hu ovvju li, jekk ir-risposta hi fin-negattiv, l-appellanti ma jkollhom l-ebda dritt li jinvokaw il-protezzjoni tal-Konvenzjoni billi l-ebda jedd fondamentali tagħhom ma jkun qed jiġi vvjolat;

*Hu infatti fuq dan il-kap li l-aggravju tar-rikorrenti jfalli. Huma* jsostnu illi l-Kummissjoni fil-każ partikolari tagħhom iddeċidiet "kwistjoni" jew "**tilwim**" li tirrigwarda **d-drittijiet tagħhom** fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-*Pension Fund*. Issa *diġa' ġie stabbilit illi* l-Kummissjoni ma tiddetermina l-ebda dritt jew obbligu fil-konfront taċ-ċittadin iżda tinvestiga biss **jekk id-deċiżjoni amministrattiva, indipendentement minn dan id-dritt jew obbligu**, jekk jeżisti, kinitx influwenzata minn xi preġudizzju li jkun allura immotiva d-deċiżjoni tagħha b'mod li tiġi kkreata diskriminazzjoni jew esklużjoni li twassal għall-inġustizzja. L-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Inġustizzji infatti, jirrikonoxxi illi deċiżjoni amministrattiva ta' Awtorita', jew korp *imwaqqaf b'liġi tista' tikkaġuna* inġustizzja *li* timmerita *li* tiġi rettifikata indipendentement minn jekk kinitx timporta l-vjolazzjoni ta' xi dritt tal-persuna aggravata. Il-Kummissjoni hija intiża bħala rimedju addizzjonali miftuħ għaċ-ċitaddin biex jiġi ssindakat l-operat ta' l-amministrazzjoni pubblika. L-att jikkrea makkinarju li bih jiġi **investigat** mhux id-dritt taċ-ċittadin imma biss il-*modus agendi* ta' l-uffiċjal pubbliku jew l-Awtorita' biex jiġi stabbilit jekk, konsegwenza ta' dak l-aġir, iċ-ċittadin kienx sofra inġustizzja

b'riżultat ta' xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew ingħatat bi ħsara għalih. Jekk wara l-investigazzjoni jiriżulta li kienet saret tali inġustizzja, ir-rimedju li jingħata ma jkunx hekk mogħti għaliex iċ-ċittadin ikollu xi dritt għalih, *ċjoe`* għar-rimedju, skond il-liġi, imma biss għaliex il-liġi trid li hu jiġi kkompensat jew risarċit minħabba l-inġustizzja li sofra b'konsegwenza ta' operat amministrattiv. Difatti l-Kap. *320* bl-ebda mod ma jagħti lill-persuna li l-ilment tagħha jkun ġie investigat mill-Kummissjoni li tesiġi l-esekuzzjoni tar-rakkomandazzjoni tagħha. Huma għal kollox żbaljati r-rikorrenti meta jsostnu illi l-Kummissjoni ddeċidiet dwar drittijiet tagħhom. Il-Kummissjoni ddikjarat il-fehma tagħha wara d-debita investigazzjoni illi "il-Bank of Valletta ddeċidiet kontra dawk l-impjegati li laħqu spiċċaw bil-pensjoni". Ma ddeċiditx u ma ġġudikatx illi dawk l-impjegati kellhom xi dritt fil-liġi li jiġu ttrattati mod ieħor. L-uniku dritt allura li jagħti l-Kap. 320 liċ-ċittadin hu illi jkollu l-ilment tiegħu ikkunsidrat mill-Kummissjoni ħalli jiġi stabbilit jekk fil-fatt kinitx saret jew le inġustizzja miegħu. Hu naturali u ovvju li tista' tiġi kkaġonata inġustizzja mingħajr ma jiġu vvjolati d-drittijiet u konsegwentement, mhux kull inġustizzja tagħti lok għal rimedju bi dritt kontra min ikun ikkommettiha. *Biżżejjed jingħad li wieħed* jista' jeżerċita` d-drittijiet tiegħu u fil-proċess ikun qiegħed jikkawża inġustizzja u inkonvenjent lil terzi bla ebda opportunita` ta' rimedju legali. *Qui suo iure utitur non videtur damnun facere*. Hekk ukoll fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet esekuttivi tagħha in forza ta' att leġislattiv l-amministrazzjoni pubblika tista', konxjament jew inkonxjament, taġixxi b'mod inġust jew almenu li l-azzjoni amministrattiva jkollha dan l-effett fuq iċ-ċittadin. *Dana mingħajr* ma jiġi vvjolat b'xi disposizzjoni tal-liġi jew jinkiser xi dritt ta' ħaddieħor. Hu għal sitwazzjonijiet bħal dawn li l-Kummissjoni kontra l-Inġustizzji hi maħsuba li tipprovdi. Hu interessanti u

rilevanti li filwaqt li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tinvestiga u tagħmel rapport dwar dak li jirriżultalha mill-investigazzjoni lill-Onor. Prim Ministru li jkun fih ir-rakkomandazzjonijiet dwar ir-rimedji li jkun jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi, jekk jirriżultalha li tkun saret inġustizzja, il-liġi bl-ebda mod ma torbot lill-Prim Ministru kif għandu jaġixxi fir-rigward ta' dan ir-rapport. Jista' lanqas biss jikkunsidrah. Mhux biss. Ir-rimedju li tagħti l-liġi hu li l-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjoni li tiġi rettifikata inġustizzja amministrattiva riskontrata u mhux li jiġi reintegrat xi dritt ivvjolat. Hu għalhekk li jekk l-Onorevoli Prim Ministru jkun sodisfatt li fil-fehma tiegħu ma kienx hemm tali *infrazzjoni* amministrattiva li tissarraf f'inġustizzja, hu fil-liberta' li jinjora għal kollox ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Din id-diskrezzjoni tal-Prim Ministru hija insindakabbli sakemm tiġi eżerċitata entro l-parametri tal-liġi. Materja din li tesorbita mill-meritu ta' dan ir-rikors u mhijiex *ut sic* ta' indole kostituzzjonali;

Il-karattru purament investigattiv tal-Kummissjoni u r-*ratio legis* ta' dan l-organu juru li l-Kummissjoni mhijiex intiża biex tiddetermina drittijiet jew li tikkonstata l-vjolazzjoni tagħhom. Dan jidher ċar mill-Att leġislattiv li bih ġiet imwaqqfa. Biżżejjed issir referenza għas-subinċiż (2) ta' l-artikolu 6 tal-Kap. 320 li jagħti saħansitra diskrezzjoni lill-istess Kummissjoni li tiddeċidi hi u f'liema ċirkostanzi għandha tinvestiga ilment quddiemha. Infatti l-Kummissjoni għandha d-dritt li jekk tqis li tkun ħaġa hekk "**mixticqa** illi ssir (u b'dan hi biss l-arbitru assolut), **ma taċċettax** li twettaq is-setgħa tagħha". Biżżejjed tkun sodisfatta li min għamel l-ilment kellu "mezz adegwat ta' rimedju għall-inġustizzja allegata li jkun jew hu disponibbli taħt xi liġi oħra". Dan neċessarjament ifisser illi jekk min għamel l-ilment isostni li kellu xi "dritt ċivili" tiegħu vvjolat, dan ikun mistenni normalment (salv dak li jingħad

fil-*proviso* ta' l-istess subinċiż 2) li jitlob rimedju quddiem il-Qrati kompetenti li għandhom ġurisdizzjoni in materja. Di piu` l-artikolu 6 jelenka s-setgħat tal-Kummissjoni imma dan b'mod inklussiv u mhux esklussiv, in kwantu l-liġi ma tiddelimitax dawn il-poteri b'mod definit. *Ma torbotx l-investigazzjoni ma' lment li jkun ġie* vvjolat <u>xi dritt</u> naxxenti minn xi liġi, imma biss ma' l-allegazzjoni ta' persuna li "tkun ġarrbet inġustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza indebita". Kif fuq aċċennat mhux kull inġustizzja timporta ksur ta' xi dritt ċivili jew xort'oħra. Wieħed jista' jikkaġuna inġustizzja bla ma jivvjola xi dritt ta' terz. M'hemmx dubbju li l-Kummissjoni ma tistax *titqies li hi* <u>**Awtorita` ġudikanti**</u> li ġiet mitluba tiddeċidi dwar l-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili kif dispost fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Fl-aħjar ipotesi għar-rikorrenti hi Awtorita` mwaqqfa b'liġi mitluba biex tinvestiga jekk kinitx ġiet kommessa inġustizzja <u>**indipendentement**</u> mil-liġijiet li joħolqu drittijiet u obbligi ċivili. Dan l-aspett tan-natura ġuridika tal-Kummissjoni ġie diġa` ttrattat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha Kostituzzjonali fl-ismijiet **Eddie Cachia *vs* Dr. Joseph Galea Debono *et noc*** *deċiża fil-21 ta' Mejju, 1993* u ***Il-Pulizija vs* Narcissus *sive* Narcy Calamatta** deċiża fis-26 ta' Ġunju, 1991. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti f'dawk is-sentenzi f'dan ir-rigward huma sostanzjalment korretti u mhux il-każ li din il-Qorti tiddilunga oltre fuqhom;

L-appellanti jsostnu li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni favorevoli għall-pretensjoni tagħhom fuq il-likwidazzjoni tal-*Pension Fund* kienet tiddetermina d-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' dan il-fond. Dan hu għal kollox inkorrett. Hu ovvju illi kieku huma kellhom xi dritt ċivili dwar tali likwidazzjoni, l-organu kompetenti fejn seta' u kellhom jivvantaw tali dritt hu quddiem il-Qrati ordinarji li

minghandhom setghu jottjenu titolu esekuttiv. Dritt ċivili jista' jiġi *rivendikat fil-konfront tal-kreditur* u in kontestazzjoni miegħu u bl-applikazjoni tal-liġi li tagħti tali dritt għall-fatti *in litem*. Il-Kummissjoni minn dan kollu ma tagħmel xejn. Jekk l-appellanti jippretendu li għandhom xi dritt ċivili in forza ta' xi liġi, anke fit-termini ta' l-ilment tagħhom quddiem il-Kummissjoni, m'hemm xejn x'jimpedihom li javvanza din il-petizzjoni quddiem il-Qorti kompetenti. Il-fatt li huma talbu ridress quddiem il-Kummissjoni bl-ebda mod ma jippreġudikahom b'tali azzjoni. Kif lanqas ma jaffettwaw, jinfluwenzaw jew jippreġudikaw id-deċiżjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fatti investigati fuq il-konsiderazzjonijiet u l-ġudizzju tal-Qorti;

Dan premess, l-aggravji kollha ta' l-appellanti fir-rigward tan-nuqqas ta' implimentazzjoni **tar-rakkomandazzjoni** tal-Kummissjoni mill-Onorevoli Prim Ministru u tan-nuqqas ta' appell minn tali deċiżjoni, jirriżultaw infondati fil-liġi. L-appellanti jsostnu li d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Onorevoli Prim Ministru li ma jaċċettax u ma jimplimentax ir-rapport tal-Kummissjoni mwaqqfa b'liġi m'għandhiex tkun sovrana. Għaliex fuqha hemm il-garanziji ta' l-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Sottomissjoni skorretta, billi kif ingħad, il-Kummissjoni ma tiddeterminax dritt ċivili u għalhekk ma japplikawx għaliha l-garanziji msemmija. L-appellanti jistrieħu fuq is-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Van Der Hurk *vs* The Netherlands** deċiża mill-Qorti Ewropeja fil-15 ta' April, 1994. Din il-Qorti eżaminat it-test ta' dik is-sentenza, pero` l-fattispeċje ta' dik il-kawża huma *toto coelo* differenti minn dawk taħt eżami. F'dak il-każ l-organu kważi ġudizzjarju - *Industrial Appeals Tribunal* - kellu funzjoni deċiżjonali li jiddeċidi fuq ilment ta' applikant **in kontestazzjoni** *tal-Ministru ta' l-Agrikultura*. Dak it-Tribunal kellu kompetenza jiddeċidi fuq appell li sar minn

deċiżjoni ta' l-istess Ministru fi proċedura li fiha hu kien **parti**. Il-liġi Olandiża kienet pero' tippermetti lis-Sovran, li jaġixxi fuq l-inizjattiva ta' l-istess Qorti, li jiddeċidi li s-sentenza ta' dak it-Tribunal ma tiġix implimentata. Il-Qorti Ewropeja ġustament allura rriteniet illi:

"In the Court's opinion the power to give a **binding decision** which might not be allowed by a non-judicial authority to the detriment of an individual party was inherent in the very notion of a "Tribunal" as was confirmed by the word "determination" (*qui decidera*). This power could also be seen as a component of the independence required by article 6 (1)"

Pero' l-elementi *sine qua non* għall-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji jridu jkunu illi jkun hemm "a binding decision" mhux (l-għoti ta' parir jew rakkomandazzjoni wara investigazzjoni) u li din tingħata minn "Tribunal", mhux Kummissjoni bla poteri *deċiżjonali*. L-appellanti qed jippretendu li jagħtu lill-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji poteri u funzjonijiet illi l-liġi ma tagħtihomx;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.